KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SPIELMANN
ippreżentati fis-6 ta' Frar 2025 [1]

Kawża C-413/23 P

Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD)
vs

Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB)

"Appell – Ipproċessar ta' data personali – Proċedura ta' kumpens għad-danni tal-kredituri u tal-azzjonisti wara r-riżoluzzjoni ta' istituzzjoni bankarja – Obbligu ta' informazzjoni – Artikolu 15(1)(d) tar-Regolament (UE) 2018/1725 – Assenza ta' informazzjoni tal-imsemmija kredituri u azzjonisti fir-rigward tar-riċevitur tad-data personali – Deċiżjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data li tikkonstata l-ksur tar-Regolament 2018/1725 relatat mal-ipproċessar tad-data personali psewdonimizzata"

I. Introduzzjoni

1. Permezz tal-appell tiegħu, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (iktar 'il quddiem il-"KEPD") jitlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-26 ta' April 2023, SRB vs KEPD (T-557/20, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2023:219), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni emendata tal-KEPD tal-24 ta' Novembru 2020 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża"), dwar ħames ilmenti mressqa minn azzjonisti u kredituri affettwati mir-riżoluzzjoni bankarja tal-Banco Popular Español SA (iktar 'il quddiem "Banco Popular") li jilmentaw li ma ġewx informati bit-trasferiment tad-data personali tagħhom.

2. Din il-kawża tagħti lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità li tispjega, fil-kuntest ta' data psewdonimizzata, il-kunċett ta' "data personali" u l-obbligi li jirriżultaw minnu sabiex ikun hemm konformità mal-obbligi ta' pproċessar ġust u trasparenti ta' data.

II. Il-kuntest ġuridiku

3. Id-dispożizzjonijiet prinċipali tar-Regolament (UE) 2018/1725 [2] rilevanti fil-kuntest ta' dan l-appell huma s-segwenti.

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

[2] Regolament tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU 2018, L 295, p. 39).

4. Il-premessi 16 u 17 ta' dan ir-regolament jaqraw kif ġej:

"(16) Il-prinċipji ta' protezzjoni tad-*data* jenħtieġ li japplikaw għal kwalunkwe informazzjoni dwar persuna fiżika identifikata jew identifikabbli. Jenħtieġ li d-*data* personali li tkun għaddiet minn psewdonimizzazzjoni, li tkun tista' tiġi attribwita lil persuna fiżika bl-użu ta' informazzjoni addizzjonali, titqies bħala informazzjoni dwar persuna fiżika identifikabbli. Sabiex jiġi ddeterminat jekk persuna fiżika tkunx identifikabbli, jenħtieġ li jitqiesu l-mezzi kollha li raġonevolment x'aktarx ikunu jistgħu jintużaw, bħas-singolarizzazzjoni, mill-kontrollur jew minn kwalunkwe persuna oħra, sabiex persuna fiżika tiġi identifikata direttament jew indirettament. Sabiex jiġi aċċertat liema mezzi huma raġonevolment mistennija jintużaw għall-identifikazzjoni tal-persuna fiżika, jenħtieġ li jitqiesu l-fatturi oġġettivi kollha, bħall-ispejjeż tal-identifikazzjoni u l-ammont ta' żmien rikjest għall-identifikazzjoni, filwaqt li jitqiesu t-teknoloġija disponibbli fil-mument tal-ipproċessar u l-iżviluppi teknoloġiċi. Jenħtieġ li l-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* ma japplikawx għalhekk għall-informazzjoni anonima, jiġifieri informazzjoni li mhijiex relatata ma' persuna fiżika identifikata jew identifikabbli jew għal *data* personali li ssir anonima b'tali mod li s-suġġett tad-*data* ma jkunx jew ma jkunx għadu identifikabbli. Għaldaqstant, dan ir-Regolament ma jikkonċernax l-ipproċessar ta' tali informazzjoni anonima, inkluż għal finijiet ta' statistika jew ta' riċerka.

(17) L-applikazzjoni ta' psewdonimizzazzjoni ta' *data* personali tista' tnaqqas ir-riskji għas-suġġetti tad-*data* kkonċernati u tgħin lill-kontrolluri u lill-proċessuri jissodisfaw l-obbligi tagħhom tal-protezzjoni tad-*data*. L-introduzzjoni espliċita tal-'psewdonimizzazzjoni' f'dan ir-Regolament mhijiex intiża li tipprekludi kwalunkwe miżura oħra tal-protezzjoni tad-*data*."

5. L-Artikolu 3 tal-imsemmi regolament, intitolat "Definizzjonijiet", jipprevedi fil-punti 1 u 6 tiegħu:

"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1) '*data* personali' tfisser kwalunkwe informazzjoni relatata ma' persuna fiżika identifikata jew identifikabbli ('suġġett tad-*data*'); persuna fiżika identifikabbli hija persuna li tista' tiġi identifikata, direttament jew indirettament, b'mod partikolari b'referenza għal mezz ta' identifikazzjoni bħal isem, numru ta' identifikazzjoni, *data* ta' lokalizzazzjoni, identifikatur online jew għal fattur wieħed jew aktar speċifiċi għall-identità fiżika, fiżjoloġika, ġenetika, mentali, ekonomika, kulturali jew soċjali ta' dik il-persuna fiżika;

[…]

6) 'psewdonimizzazzjoni' tfisser l-ipproċessar ta' *data* personali b'tali mod li d-*data* personali ma tkunx tista' tibqa' tiġi attribwita għal suġġett tad-*data* speċifiku mingħajr l-użu ta' informazzjoni addizzjonali, dment li tali informazzjoni addizzjonali tinżamm separatament u tkun soġġetta għal miżuri tekniċi u organizzattivi biex jiġi żgurat li d-*data* personali ma tiġix attribwita għal persuna fiżika identifikata jew identifikabbli".

6. L-Artikolu 4 tal-istess regolament, intitolat "Prinċipji relatati mal-ipproċessar ta' data personali", jipprovdi, fil-paragrafu 1(a) tiegħu u fil-paragrafu 2 tiegħu:

"1. Id-*data* personali għandha:

a) tkun ipproċessata legalment, ġustament u b'mod trasparenti fir-rigward tas-suġġett tad-*data* ('legalità, ġustizzja u trasparenza');

[…]

2. Il-kontrollur għandu jkun responsabbli għall-konformità mal-paragrafu 1 u jkun kapaċi juriha ('responsabbiltà')."

7. L-Artikolu 15 tar-Regolament 2018/1725, intitolat "Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta meta d-data tinġabar mis-suġġett tad-data", fil-paragrafu 1(d) tiegħu jipprevedi:

"Meta *data* personali relatata ma' suġġett tad-*data* tinġabar mingħand is-suġġett tad-*data*, il-kontrollur, fil-ħin li tinkiseb id-*data* personali, għandu jipprovdi l-informazzjoni kollha li ġejja lis-suġġett tad-*data*:

[…]

d) ir-riċevituri jew il-kategoriji ta' riċevituri tad-*data* personali, jekk jeżistu;

[…]".

III. Il-fatti li wasslu għall-kawża

8. Fis-7 ta' Ġunju 2017, il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (iktar 'il quddiem "is-SRB") adotta skema ta' riżoluzzjoni fir-rigward tal-Banco Popular abbażi tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010[3], approvata fl-istess jum permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea[4], li fil-prattika jfisser li l-istrumenti ta' kapital tal-bank ġew imnaqqsa jew ikkonvertiti u mibjugħa permezz ta' trasferiment ta' azzjonijiet.

9. B'konformità mal-Artikolu 20(16) sa (18) tar-Regolament Nru 806/2014, is-SRB talab lil Deloitte, bħala "persuna indipendenti"[5], twettaq valwazzjoni tad-differenza fit-trattament sabiex jiġi stabbilit jekk l-azzjonisti u l-krediturі, affettwati b'dan il-mod mill-azzjoni ta' riżoluzzjoni, kinux jibbenefikaw minn trattament aħjar li kieku dan l-istabbiliment kien suġġett għal proċedura normali ta' insolvenza.

[3] ĠU 2014, L 225, p. 1.

[4] Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1246 tas-7 ta' Ġunju 2017 li tapprova l-iskema ta' riżoluzzjoni għall-Banco Popular Español SA (ĠU 2017, L 178, p. 15, rettifika fil-ĠU 2017, L 320, p. 31.

[5] L-Artikolu 20(1) tar-Regolament Nru 806/2014 jistipula li din il-persuna hija "indipendenti minn kwalunkwe awtorità pubblika, inkluż il-Bord u l-awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni, u mill-entità konċernata". L-Artikolu 20(16) ta' dan ir-regolament jirreferi għall-Artikolu 20(1) f'dak li jirrigwarda dan il-kunċett ta' "persuna indipendenti".

10. Fl-14 ta' Ġunju 2018, Deloitte bagħtet din il-valwazzjoni tad-differenza fit-trattament (iktar 'il quddiem il-"valwazzjoni 3") lis-SRB. Permezz ta' deċiżjoni preliminari, is-SRB indika li, sabiex ikun jista' jadotta deċiżjoni finali dwar il-ħtieġa jekk għandux jingħata jew le, lill-azzjonisti u lill-krediturifettwati bir-riżoluzzjoni tal-Banco Popular, kumpens skont l-Artikolu 76(1)(e) tar-Regolament Nru 806/2014, huwa beda l-proċedura relatata mad-dritt għal smigħ, li tinkludi l-ewwel fażi ta' reġistrazzjoni, sabiex tiġi vverifikata l-eliġibbiltà tal-partijiet li juru l-interess tagħhom, u t-tieni parti ta' konsultazzjoni, li fil-qafas tagħha l-azzjonisti u l-krediturifettwati ssottomettew il-kummenti tagħhom fuq id-deċiżjoni preliminari tas-SRB, li magħha kien hemm annessa l-valwazzjoni 3.

11. Id-data miġbura waqt il-fażi ta' reġistrazzjoni, jiġifieri l-provi tal-identità tal-parteċipanti u tal-proprjetà tal-istrumenti ta' kapital ta' Banco Popular, imnaqqsa jew ikkonvertiti u ttrasferiti, kienet aċċessibbli għal numru limitat ta' membri tal-persunal tas-SRB inkarigati mill-ipproċessar ta' din id-data sabiex jistabbilixxu l-eliġibbiltà tal-parteċipanti. Din id-data ma kinitx aċċessibbli għall-membri tal-persunal tas-SRB inkarigati mill-ipproċessar tal-kummenti riċevuti waqt il-fażi tal-konsultazzjoni, li matulha dawn irċevew biss kummenti identifikati permezz ta' riferiment għal kodiċi alfanumeriku[6] mogħti lil kull kumment sottomess permezz ta' formola.

12. Wara l-aggregazzjoni, il-filtrazzjoni awtomatika u l-kategorizzazzjoni tal-kummenti, is-SRB bagħat lil Deloitte[7] l-kummenti relatati mal-valwazzjoni 3 hekk kif ġew iffiltrati, ikkategorizzati u aggregati. Il-kummenti mibgħuta lil Deloitte kienu jirrigwardaw biss dawk riċevuti matul il-fażi ta' konsultazzjoni u kellhom kodiċi alfanumeriku, żviluppat għal finijiet ta' awditjar sabiex is-SRB ikun jista' jivverifika u eventwalment juri *a posteriori* li kull kumment kien ġie pproċessat u debitament meħud inkunsiderazzjoni. Permezz ta' dan il-kodiċi, is-SRB kien l-uniku entità li seta' jirrelata l-kummenti mad-data riċevuta waqt il-fażi ta' reġistrazzjoni. Deloitte ma kellhiex u għad ma għandhiex aċċess għad-database miġbura waqt il-fażi ta' reġistrazzjoni.

13. Xi azzjonisti u krediturifettwati (iktar 'il quddiem il-"persuni li ressqu l-ilmenti") bagħtu, skont ir-Regolament 2018/1725, ħames ilmenti lill-KEPD minħabba li d-dikjarazzjoni ta' kunfidenzjalità li tirrigwarda l-ipproċessar tad-data personali ppubblikata mis-SRB ma kinitx tirreferi għall-fatt li d-data miġbura permezz tal-formola kienet ser tintbagħat lil Deloitte. Huma allegaw ksur, mis-SRB, tal-obbligu tiegħu ta' informazzjoni relatat mal-ipproċessar tad-data personali skont dan ir-regolament, previst fl-Artikolu 15(1)(d) tal-imsemmi regolament.

14. Il-KEPD adotta d-deċiżjoni inizjali tal-24 ta' Ġunju 2020, annullata wara talba għal eżami mill-ġdid tas-SRB u ssostitwita, fl-24 ta' Novembru 2020, permezz tad-deċiżjoni kontenzjuża, li taqra kif ġej:

"1. Il-KEPD iqis li d-data li s-SRB ikkondivida ma' Deloitte kienet data psewdonimizzata, kemm minħabba li l-kummenti tal-fażi [ta' konsultazzjoni] kienu data personali kif ukoll minħabba li s-SRB ikkondivida l-kodiċi alfanumeriku li jippermetti l-konnessjoni tat-tweġibiet riċevuti matul il-fażi [ta' reġistrazzjoni] ma' dawk tal-fażi [ta' konsultazzjoni], minkejja li d-data pprovduta mill-parteċipanti għall-identifikazzjoni tagħhom matul il-fażi [ta' reġistrazzjoni] ma kinitx ġiet ikkomunikata lil Deloitte.

[6] Dan kien identifikatur uniku universali b'33 ċifra, iġġenerat b'mod każwali.

[7] Mid-deċiżjoni tal-KEPD kontenzjuża jirriżulta li Deloitte assistiet lis-SRB bħala persuna indipendenti fil-proċess deċiżjonali tiegħu. Minn din id-deċiżjoni jirriżulta wkoll li, fit-18 ta' Marzu 2020, is-SRB iddeċieda li l-ebda kumpens ma kien dovut lill-azzjonisti u lill-krediturifettwati u indika li din id-deċiżjoni kienet ibbażata fuq l-evalwazzjoni wara r-riżoluzzjoni magħmula minn Deloitte kif ukoll fuq l-analiżi tal-kummenti riċevuti fil-qafas tal-proċedura tad-dritt għal smigħ.

2. Il-KEPD iqis li Deloitte kienet destinatarja ta' data personali tal-persuni li ressqu l-ilmenti fis-sens tal-punt 13 tal-Artikolu 3 tar-Regolament 2018/1725. Il-fatt li Deloitte ma ssemmietx fid-dikjarazzjoni ta' kunfidenzjalità tas-SRB bħala destinatarja potenzjali tad-data personali miġbura u pproċessata mis-SRB, fil-kwalità tiegħu ta' kontrollur tal-ipproċessar fil-kuntest tal-proċedura dwar id-dritt għal smigħ, jikkostitwixxi ksur tal-obbligu ta' informazzjoni previst fl-Artikolu 15(1)(d) [tar-Regolament 2018/1725].

3. Fid-dawl tal-miżuri tekniċi u organizzattivi kollha stabbiliti mis-SRB biex jittaffew ir-riskji għad-dritt tal-persuni għall-protezzjoni tad-data fil-kuntest tal-proċedura dwar id-dritt għal smigħ, il-KEPD jiddeċiedi li ma jeżerċitax is-setgħa tiegħu li jadotta miżuri korrettivi prevista fl-Artikolu 58(2) [tar-Regolament 2018/1725].

4. Madankollu, il-KEPD jirrakkomanda lis-SRB jiżgura ruħu li d-dikjarazzjonijiet ta' kunfidenzjalità tiegħu fi proċeduri futuri dwar id-dritt għal smigħ ikopru l-ipproċessar ta' data personali kemm matul il-fażi ta' reġistrazzjoni kif ukoll matul il-fażi ta' konsultazzjoni u li jinkludu d-destinatarji potenzjali kollha tal-informazzjoni miġbura, sabiex ikun hemm osservanza sħiħa mal-obbligu li s-suġġetti tad-data jiġu infurmati konformement mal-Artikolu 15 [tar-Regolament 2018/1725]".

IV. Is-sentenza appellata

15. Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-1 ta' Settembru 2020 u permezz ta' nota ta' adattament ippreżentata fid-29 ta' Jannar 2021, is-SRB ippreżenta rikors, minn naħa waħda, għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża u, min-naħa l-oħra, għal dikjarazzjoni ta' illegalità tad-deċiżjoni inizjali tal-KEPD tal-24 ta' Ġunju 2020.

16. Is-SRB qajjem żewġ motivi insostenn tal-ewwel kap ta' talbiet[8]. L-ewwel motiv kien ibbażat fuq il-ksur tal-punt 1 tal-Artikolu 3 tar-Regolament 2018/1725, inkwantu l-informazzjoni mibgħuta lil Deloitte ma kinitx tikkostitwixxi data personali u, it-tieni motiv, fuq il-ksur tad-dritt għal amministrazzjoni tajba, stabbilit fl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

17. Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddikjarat ammissibbli dan il-kap ta' talbiet. Dwar il-mertu, hija laqgħet l-ewwel motiv tar-rikors u annullat id-deċiżjoni kontenzjuża, mingħajr ma eżaminat it-tieni motiv.

[8] It-tieni kap ta' talbiet kien intiż sabiex id-deċiżjoni inizjali tiġi ddikjarata illegali. Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet dan it-tieni kap ta' talbiet minħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni, peress li s-SRB ried, b'dan il-mod, jikseb sentenza dikjaratorja u mhux l-annullament ta' att.

18. Dwar l-ewwel motiv, il-Qorti Ġenerali qieset, l-ewwel nett, li l-KEPD kien ikkunsidra li l-informazzjoni mibgħuta lil Deloitte "kienet relatata" ma' persuna fiżika fis-sens tal-punt 1 tal-Artikolu 3 tar-Regolament 2018/1725 billi bbaża ruħu fuq preżunzjoni, mingħajr ma eżamina la l-kontenut, la l-iskop, u lanqas l-effett tal-informazzjoni mibgħuta lil Deloitte[9], bi ksur tas-sentenza Nowak[10].

19. It-tieni nett, fir-rigward tal-kundizzjoni prevista fil-punt 1 tal-Artikolu 3 tar-Regolament 2018/1725 li l-informazzjoni għandha tirrelata ma' persuna fiżika "identifikata jew identifikabbli", il-Qorti Ġenerali qieset li, f'dan il-każ, kellu jkun l-KEPD li jeżamina jekk il-kummenti mibgħuta lil Deloitte kinux jikkostitwixxu, fir-rigward tagħha, data personali. Skont is-sentenza appellata, il-KEPD illimita ruħu li jeżamina l-possibbiltà li jidentifika mill-ġdid l-awturi tal-kummenti mill-perspettiva tas-SRB u mhux ta' Deloitte. Għalhekk, peress li l-KEPD naqas li jaċċerta jekk Deloitte kellhiex mezzi legali u konkreti fil-prattika li jippermettulha taċċedi għall-informazzjoni addizzjonali neċessarja sabiex jiġu identifikati mill-ġdid l-awturi tal-kummenti, il-KEPD ma setax jikkonkludi li l-informazzjoni mibgħuta lil Deloitte kienet tikkostitwixxi informazzjoni li tirrelata ma' "persuna fiżika identifikabbli" fis-sens tal-punt 1 tal-Artikolu 3 tar-Regolament 2018/1725[11].

V. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet

20. Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-5 ta' Lulju 2023, il-KEPD ippreżenta appell kontra s-sentenza appellata. Permezz ta' digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' Novembru 2023[12], il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie awtorizzat jintervjeni insostenn tat-talbiet tal-KEPD u, permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' Ottubru 2023, il-Kummissjoni Ewropea ġiet awtorizzata tintervjeni insostenn tas-SRB.

21. Il-KEPD jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata;

– tagħti deċiżjoni definittiva dwar it-tilwima;

– tikkundanna lis-SRB għall-ispejjeż tal-proċedura ta' appell u tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali.

[9] Ara l-punti 64, 73 u 74 tas-sentenza appellata.

[10] Sentenza tal-20 ta' Diċembru 2017 (C-434/16, iktar 'il quddiem is-"sentenza Nowak", EU:C:2017:994). F'dawn il-konklużjonijiet, ser jiġu ċċitati, b'analoġija, is-sentenzi li japplikaw id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 355) u r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU 2016, L 119, p. 1, iktar 'il quddiem il-"GDPR"). Fil-fatt, hekk kif jirriżulta mill-premessi 4 u 5 tar-Regolament 2018/1725 kif ukoll mill-Artikolu 2(3) u mill-Artikolu 98 tal-GDPR, il-leġiżlatur tal-Unjoni ried jistabbilixxi sistema ta' protezzjoni tad-data personali mill-istituzzjonijiet, mill-korpi u mill-organi tal-Unjoni li hija ekwivalenti għal dik tal-GDPR sabiex tiġi żgurata protezzjoni uniformi u koerenti tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali tagħhom fi ħdan l-Unjoni (ara s-sentenza tas-7 ta' Marzu 2024, OC vs Il-Kummissjoni, C-479/22 P, EU:C:2024:215, punt 43).

[11] Ara l-punti 100, 103 u 105 tas-sentenza appellata.

[12] C-413/23 P, EU:C:2023:1036.

22. Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, insostenn tal-KEPD, jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata;

– tagħti deċiżjoni definittiva dwar it-tilwima billi tikkonferma d-deċiżjoni kontenzjuża.

23. Is-SRB jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad l-appell;

– sussidjarjament, tannulla d-deċiżjoni kontenzjuża;

– sussidjarjament, tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, u

– tikkundanna lill-KEPD għall-ispejjeż tal-proċedura ta' appell u tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali.

24. Il-Kummissjoni Ewropea, insostenn tas-SRB, titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad l-appell;

– tikkundanna lill-KEPD għall-ispejjeż.

VI. Fuq l-appell

25. Insostenn tal-appell tiegħu, il-KEPD, sostnut mill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, jinvoka żewġ aggravji. L-ewwel wieħed huwa intiż sabiex jikkontesta l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Ġenerali dwar il-kunċett ta' "data personali" fis-sens tal-Artikolu 3(1) u (6) tar-Regolament 2018/1725, kif interpretat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. It-tieni aggravju huwa bbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' responsabbiltà stipulat fl-Artikolu 4(2) u fl-Artikolu 26(1) ta' dan ir-regolament.

A. Fuq l-ewwel aggravju

26. L-ewwel aggravju huwa maqsum f'żewġ partijiet. L-ewwel parti tikkonċerna l-kundizzjoni li l-informazzjoni kontenzjuża għandha "tkun relatata" ma' persuna fiżika u t-tieni kundizzjoni li din il-persuna għandha tkun "identifikata jew identifikabbli".

1. Fuq l-ewwel aggravju, relatat mal-kwistjoni dwar jekk l-informazzjoni "hijiex relatata" ma' persuna fiżika

a) L-argumenti tal-partijiet

27. Il-KEPD, sostnut mill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, isostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball inkwantu ddeċidiet li l-KEPD kien ibbaża ruħu fuq preżunzjoni li tikkonċerna l-interpretazzjoni tal-kundizzjoni li l-informazzjoni mibgħuta lil Deloitte kienet relatata ma' persuna fiżika, fis-sens tal-punt 1 tal-Artikolu 3 tar-Regolament 2018/1725. Fl-opinjoni tiegħu, fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, ma kienx meħtieġ eżami iktar iddettaljat min-naħa tiegħu.

28. Is-SRB isostni, min-naħa tiegħu, li kif iddeċidiet il-Qorti Ġenerali, il-KEPD sempliċement indika li l-kummenti kontenzjużi, prodotti mill-persuni li ressqu l-ilmenti waqt il-fażi ta' konsultazzjoni tal-proċedura relatata mad-dritt għal smigħ, kienu jirriflettu l-opinjonijiet jew il-perspettivi tagħhom filwaqt li huwa kellu jeżamina jekk l-informazzjoni mibgħuta lil Deloitte kinitx marbuta ma' persuna partikolari minħabba l-kontenut, l-iskop jew l-effett tagħha, kif tirrikjedi s-sentenza Nowak.

b) Evalwazzjoni

29. Hemm lok li jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja repetutament iddeċidiet li l-użu tal-espressjoni "kwalunkwe informazzjoni" fid-definizzjoni tal-kunċett ta' "data personali", jirrifletti l-għan tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jagħti sens wiesa' lil dan il-kunċett, li jinkludi potenzjalment kull tip ta' informazzjoni [13], kemm oġġettiva kif ukoll suġġettiva, fil-forma ta' parir jew ta' evalwazzjonijiet, bil-kundizzjoni madankollu li din "tirrigwarda" l-persuna inkwistjoni.

30. F'dan ir-rigward, informazzjoni tikkonċerna persuna fiżika identifikata jew identifikabbli meta, minħabba l-kontenut tagħha, l-iskop tagħha jew l-effett tagħha, l-informazzjoni tkun "marbuta" ma' persuna partikolari [14].

31. Fir-rigward tal-opinjonijiet jew tal-evalwazzjonijiet, bħall-kummenti tal-persuni li ressqu l-ilmenti inkwistjoni fil-kawża, jidhirli li huwa rilevanti li ssir distinzjoni sabiex jiġi eżaminat jekk l-imsemmija opinjonijiet jew evalwazzjonijiet humiex "relatati" ma' persuna jew persuni msemmija fit-test tal-opinjoni jew tal-evalwazzjoni, jew jekk, bħal f'dan il-każ, għandux jiġi stabbilit jekk humiex relatati mal-awtur tagħhom. Fl-ewwel każ, sabiex jiġi konkluż li teżisti informazzjoni relatata mal-persuna li hija s-suġġett tal-evalwazzjoni, hemm lok li jiġi analizzat jekk il-kontenut, l-iskop jew l-effett tal-evalwazzjoni jikkonċernawx din il-persuna. Mill-banda l-oħra, fit-tieni każ, sabiex jiġi stabbilit jekk l-evalwazzjoni hijiex relatata mal-persuna li tkun ħarġitha, jidhirli li jista' jiġi preżunt li dan huwa l-każ u li opinjoni jew evalwazzjoni hija neċessarjament relatata mal-awtur tagħha.

32. B'hekk, is-sentenza Nowak kienet tirrigwarda każ fejn essenzjalment ġiet evalwata l-informazzjoni li kienet tinsab f'kopja ta' eżami. Għalhekk kien hemm żewġ suġġetti tad-data: il-kandidat u l-eżaminatur. Huwa veru li l-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-kontenut, l-iskop u

[13] Ara b'mod partikolari l-lista, mhux eżawrjenti, fil-punt 36 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Pitruzzella fil-kawża Österreichische Datenschutzbehörde u CRIF (C-487/21, EU:C:2022:1000).

[14] Ara s-sentenza Nowak, punti 34 u 35. Ara, barra minn hekk, is-sentenzi tal-4 ta' Mejju 2023, Österreichische Datenschutzbehörde u CRIF (C-487/21, EU:C:2023:369, punti 23 u 24); tat-22 ta' Ġunju 2023, Pankki S (C-579/21, EU:C:2023:501, punti 42 u 43); tas-7 ta' Marzu 2024, OC vs Il-Kummissjoni (C-479/22 P, EU:C:2024:215, punt 45), u tas-7 ta' Marzu 2024, IAB Europe (C-604/22, EU:C:2024:214, punti 36 u 37).

l-effett tat-tweġibiet tal-kandidat sabiex minnhom tiddeduċi li kienu jikkonċernawh. Minkejja dan, fir-rigward b'mod iktar partikolari tal-kummenti tal-eżaminatur, li kienu jirriflettu l-opinjoni tiegħu jew l-evalwazzjoni tiegħu [15], minkejja li l-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-kontenut, l-iskop u l-effett tal-informazzjoni li kienet tinsab fil-kopja sabiex tikkonkludi li dawn l-evalwazzjonijiet kienu relatati mal-kandidat, hija ma wettqitx tali eżami sabiex tikkunsidra li dawn kienu jikkostitwixxu informazzjoni li tikkonċerna lill-eżaminatur li kien l-awtur tagħhom [16]. Fl-opinjoni tiegħi, ma jistax għalhekk jiġi totalment eskluż li tista' tiġi applikata preżunzjoni (sempliċi) meta ssir evalwazzjoni dwar jekk opinjoni jew evalwazzjoni jew, bħal f'dan il-każ, kumment, humiex "relatati" mal-awtur tiegħu.

33. Minn dan nikkonkludi li, fin-nuqqas ta' prova għall-kuntrarju, il-kummenti inkwistjoni f'dan il-każ, peress li jirriżultaw minn persuni li ressqu l-ilmenti u li juru l-"loġika u r-raġunament tagħhom", biex b'hekk jirriflettu l-espressjoni tal-"opinjoni suġġettiva" tagħhom, kienu neċessarjament "jikkonċernaw" lill-imsemmija persuni li ressqu l-ilmenti, irrispettivament mill-iskop jew mill-effett tal-kummenti tagħhom.

34. Fi kwalunkwe każ, anki fl-assenza ta' tali preżunzjoni f'dan il-każ, jiena tal-opinjoni li l-kummenti inkwistjoni huma "relatati" mal-persuni li ressqu l-ilmenti minħabba l-kontenut, l-iskop u l-effett tagħhom.

35. F'dan ir-rigward, is-SRB isostni li l-argumenti bbażati fuq l-iskop u fuq il-kuntest tal-kummenti inkwistjoni huma ineffettivi minħabba li ma ġewx eżaminati fid-deċiżjoni kontenzjuża, inammissibbli għaliex jinkludu allegazzjoni fattwali ġdida u, fi kwalunkwe każ, żbaljati.

36. Dan l-argument ma jikkonvinċinix. Fil-fatt, kemm l-eżami mwettaq mill-KEPD fid-deċiżjoni kontenzjuża kif ukoll l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali jaqgħu f'kuntest ġuridiku li ġie kkunsidrat u li jsemmi b'mod ċar l-iskop u l-effett tal-kummenti inkwistjoni, prodotti fil-qafas tal-proċedura relatata mad-dritt għal smigħ. Dawn l-argumenti dwar l-iskop u l-effett tal-kummenti inkwistjoni huma għalhekk effettivi u ammissibbli.

37. Barra minn hekk, fuq il-mertu, mill-kuntest ġuridiku applikabbli jirriżulta li l-iskop tal-proċedura relatata mad-dritt għal smigħ, li fil-kuntest tagħha ġew prodotti l-kummenti inkwistjoni, kien sabiex jippermetti lill-azzjonisti u lill-krediturі affettwati jikkontribwixxu għall-proċedura, b'mod partikolari sabiex is-SRB jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu l-informazzjoni neċessarja kollha sabiex jieħu deċiżjoni finali dwar il-ħtieġa jew le li jingħata kumpens lill-azzjonisti u lill-krediturі, affettwati bir-riżoluzzjoni tal-Banco Popular, bl-applikazzjoni tal-prinċipju li ebda kreditur ma jista' jiġi ttrattat agħar milli f'każ ta' stralċ skont proċedura normali ta' insolvenza [17]. Barra minn hekk, dawn il-kummenti, la darba ġew meħuda inkunsiderazzjoni mis-SRB, seta' jkollhom effett fuq l-interessi u fuq id-drittijiet tal-persuni li ressqu l-ilmenti fir-rigward ta' kumpens finanzjarju.

38. Minn dan nikkonkludi li l-kummenti inkwistjoni huma relatati mas-suġġetti tad-data f'dan il-każ, inkluż minħabba l-iskop tagħhom u l-effett tagħhom.

[15] Sentenza Nowak, punt 43.

[16] Sentenza Nowak, punt 44 *in fine*.

[17] Ara f'dan is-sens il-punti 5 sa 7 tas-sentenza appellata u l-punt 9 ta' dawn il-konklużjonijiet.

39. Inżid li, huwa veru, li l-kummenti inkwistjoni, kif ittrasferiti lil Deloitte, kienu ġew "iffiltrati, ikkategorizzati u aggregati", b'tali mod li, kif jirriżulta mill-fatti stabbiliti mill-Qorti Ġenerali [18], il-kummenti individwali ma setgħux jiġu distinti fi ħdan l-istess tema: madankollu, jista' jiġi ammess li, anki jekk aggregati, dawn il-kummenti kollettivi, jirriflettu, fil-kontenut tagħhom, perspettivi personali li jirrigwardaw il-valwazzjoni 3. Effettivament, huma jikkostitwixxu ġabra ta' opinjonijiet li, bħala tali, jikkostitwixxu informazzjoni li hija relatata mal-persuni li esprimewhom. Il-filtrazzjoni tagħhom, il-kategorizzazzjoni tagħhom u l-aggregazzjoni tagħhom ma jibdlux din il-konstatazzjoni, inkella jkun biżżejjed, sabiex tiġi skartata l-kundizzjoni ta' informazzjoni "relatata" ma' persuna fiżika, li jiġu aggregati diversi perspettivi. Il-fatt li ma tistax issir distinzjoni, fi ħdan din il-ġabra ta' kummenti, bejn l-opinjonijiet individwali differenti jidhirli li jaqa' iktar taħt it-tieni kundizzjoni kumulattiva, relatata mal-identifikabbiltà tas-suġġetti tad-data, eżaminata fil-qafas tat-tieni parti ta' dan l-aggravju, milli minn dik li tirrikjedi li l-kumment ikun "marbut" ma' persuna fiżika.

40. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jiena tal-opinjoni li l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali tista' titqies bħala vvizzjata bi żball ta' liġi f'dan ir-rigward, inkwantu kkunsidrat li l-KEPD ma kienx issodisfa l-eżami mitlub mis-sentenza Nowak sabiex jiġi konkluż li l-kummenti inkwistjoni kienu "relatati" ma' persuni fiżiċi, fis-sens tal-punt 1 tal-Artikolu 3 tar-Regolament 2018/1725.

41. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li tiċħad din l-ewwel parti u tiddeċiedi li l-kummenti psewdonimizzati inkwistjoni ma kinux relatati mal-awturi tagħhom, l-eżami tat-tieni parti tal-aggravju jsir superfluwu, inkwantu, skont il-punt 1 tal-Artikolu 3 tar-Regolament 2018/1725, din hija kundizzjoni neċessarja għall-eżistenza ta' data personali, kumulattiva ma' dik tal-identifikabbiltà tas-suġġetti tad-data, eżaminata iktar 'il quddiem.

2. Fuq it-tieni parti, relatata mal-kundizzjoni tal-identifikabbiltà tas-suġġetti tad-data

42. Il-KEPD u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data jsostnu, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali wettqet żewġ żbalji, l-ewwel wieħed li jirrigwarda l-kunċett ta' "psewdonimizzazzjoni" u t-tieni wieħed li jirrigwarda l-interpretazzjoni tas-sentenza Breyer [19], li s-SRB u l-Kummissjoni jikkontestaw.

a) Fuq l-ewwel ilment, ibbażat fuq l-iżball li jirrigwarda l-effetti tal-psewdonimizzazzjoni

43. Dan l-ilment juri l-eżistenza ta' żewġ approċċi differenti ferm tal-portata tal-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli tal-protezzjoni tad-data. Għandha tiġi inkluża awtomatikament id-data psewdonimizzata sempliċement sabiex is-suġġetti tad-data jibqgħu identifikabbli, tkun xi tkun l-aċċessibbiltà għad-data addizzjonali ta' identifikazzjoni, jew għandu jiġi kkunsidrat li, wara l-proċess ta' psewdonimizzazzjoni, id-data li tkunx personali ħlief għal persuni li jistgħu raġonevolment jidentifikaw lis-suġġetti tad-data?

1) L-argumenti tal-partijiet

44. Il-KEPD u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data jsostnu essenzjalment li d-data psewdonimizzata tibqa' data personali minħabba l-unika raġuni li s-suġġetti tad-data jibqgħu identifikabbli peress li l-informazzjoni li tippermetti li jiġu identifikati tkompli teżisti. L-approċċ

[18] Ara l-punt 23 tas-sentenza appellata.

[19] Sentenza tad-19 ta' Ottubru 2016, Breyer (C-582/14, iktar 'il quddiem is-"sentenza Breyer", EU:C:2016:779).

tal-Qorti Ġenerali huwa żbaljat inkwantu jippermetti li d-data psewdonimizzata titqies bħala data anonimizzata fir-rigward tar-riċevitur, u dan huwa riskju għall-protezzjoni tas-suġġetti tad-data u jġib miegħu konfużjoni bejn il-psewdonimizzazzjoni u l-anonimizzazzjoni. Tali approċċ, kuntrarju għat-test u għall-għan tar-Regolament 2018/1725, jippermetti lill-persuna responsabbli għall-ipproċessar tneħħi b'mod skorrett id-data personali mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni ta' tali data.

45. Is-SRB u l-Kummissjoni jsostnu, min-naħa tagħhom, li d-data psewdonimizzata tibqa' data personali għall-persuna responsabbli għall-ipproċessar li psewdonimizzatha iżda li, għar-riċevituri, hemm lok li tiġi eżaminata n-natura identifikabbli tas-suġġetti tad-data. Barra minn hekk, anki jekk il-punt 1 tal-Artikolu 3 tar-Regolament 2018/1725 ma jispeċifikax min għandu jkun f'pożizzjoni li jidentifika s-suġġett tad-data, fid-dawl tal-premessa 16 u fil-kuntest tal-Artikolu 15(1)(d) ta' dan ir-regolament, inkwistjoni hawnhekk, hija l-perspettiva tar-riċevitur li tkun dik importanti. Skont dawn l-artikoli, jekk dan ir-riċevitur ma jirċevix data personali, is-suġġetti tad-data ma għandhomx interess li jiġu infurmati dwar it-trasferiment ta' data għaliex id-drittijiet tagħhom ma humiex affettwati.

2) Evalwazzjoni

46. Qabelxejn, huwa utli li jitfakkar li l-psewdonimizzazzjoni hija pproċessar applikat għad-data personali sabiex, konformement mal-premessa 17 tar-Regolament 2018/1725, "tnaqqas ir-riskji" ta' korrelazzjoni ta' sett ta' data mal-identità ta' suġġett tad-data u "tgħin lill-kontrolluri u lill-proċessuri jissodisfaw l-obbligi tagħhom tal-protezzjoni tad-data."

47. Il-punt 6 tal-Artikolu 3 tar-Regolament 2018/1725 jiddefinixxi għalhekk il-psewdonimizzazzjoni bħala "l-ipproċessar ta' data personali b'tali mod li d-data personali ma tkunx tista' tibqa' tiġi attribwita għal suġġett tad-data speċifiku mingħajr l-użu ta' informazzjoni addizzjonali, dment li tali informazzjoni addizzjonali tinżamm separatament u tkun soġġetta għal miżuri tekniċi u organizzattivi biex jiġi żgurat li d-data personali ma tiġix attribwita għal persuna fiżika identifikata jew identifikabbli" [20].

48. Il-psewdonimizzazzjoni għalhekk ma hijiex element tad-definizzjoni ta' data personali, li hija ddefinita min-naħa tagħha, fil-punt 1 tal-Artikolu 3 tar-Regolament 2018/1725, fir-rigward tal-kunċett ta' "identifikabbiltà" tas-suġġett tad-data. Barra minn hekk, kif il-Kummissjoni indikat fin-nota ta' intervent tagħha, ir-regolament jiddefinixxi l-kunċett ta' "psewdonimizzazzjoni", u jirreferi għall-proċess ta' implimentazzjoni ta' miżura ta' salvagwardja jew miżura teknika u organizzazzjonali, iżda mhux il-kunċett ta' "data psewdonimizzata".

49. Din l-interpretazzjoni hija kkonfermata mill-qari flimkien tal-punt 6 tal-Artikolu 3 u tal-premessa 16 tal-imsemmi regolament, li l-ewwel sentenza tagħha tfakkar li "il-prinċipji ta' protezzjoni tad-data jenħtieġ li japplikaw għal kwalunkwe informazzjoni dwar persuna fiżika identifikata jew identifikabbli."

[20] Ara wkoll f'dan ir-rigward l-opinjoni relatata mal-kunċett ta' data personali (grupp ta' xogħol "Artikolu 29", Opinjoni 4/2007, 20 ta' Ġunju 2007, WP 136) u dik li tindirizza espressament it-tekniki ta' anonimizzazzjoni u psewdonimizzazzjoni (grupp ta' xogħol "Artikolu 29", Opinjoni 05/2014, 10 ta' April 2014, WP 216). Dan il-proċess ta' psewdonimizzazzjoni huwa għalhekk partikolarment importanti fil-kuntest tar-riċerka u tal-istatistika.

50. Barra minn hekk, il-premessa 16 tar-Regolament 2018/1725 jeħtieġ li tiġi analizzata iktar fid-dettall [21]. Fil-fatt, it-tieni sentenza tagħha tistipula li "jenħtieġ li d-data personali li tkun għaddiet minn psewdonimizzazzjoni, li tkun tista' tiġi attribwita lil persuna fiżika bl-użu ta' informazzjoni addizzjonali, titqies bħala informazzjoni dwar persuna fiżika identifikabbli". Isegwu sussegwentement it-tielet u r-raba' sentenza li jispeċifikaw il-kontenut ta' dan ir-rekwiżit ta' identifikabbiltà.

51. Mill-kliem ta' dawn id-dispożizzjonijiet, jiena niddeduċi li l-psewdonimizzazzjoni tħalli miftuħa l-possibbiltà li s-suġġetti tad-data ma jkunux identifikabbli, inkella l-formulazzjoni ta' din il-premessa 16 ma jkollhiex skop. Inżid li l-aħħar sentenzi tal-imsemmija premessa li jikkonċernaw l-anonimizzazzjoni jikkonfermaw din l-interpretazzjoni: huma jeskludu d-data anonimizzata (jew li saret anonima) mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament 2018/1725 [22], iżda ma jeskludux minnha d-data psewdonimizzata ħlief jekk is-suġġetti tad-data ma jkunux identifikabbli. F'każ li jkun impossibbli li l-imsemmija suġġetti jiġu identifikati, dawn għalhekk ikunu legalment meqjusa bħala protetti biżżejjed mill-proċess ta' psewdonimizzazzjoni, minkejja li d-data addizzjonali ta' identifikazzjoni ma tkunx tħassret kompletament.

52. Fi kliem ieħor, ma hijiex kwistjoni li titnaqqas awtomatikament id-data psewdonimizzata mill-kamp ta' appplikazzjoni ta' dan ir-regolament [23]. Madankollu, fid-dawl tal-premessa 16 ta' dan tal-aħħar, ma jistax jiġi eskluż li jista' jiġi evitat li tali data, taħt ċerti kundizzjonijiet, taqa' taħt il-kunċett ta' "data personali".

53. Kuntrarjament għal dak li jsostni l-KEPD, tali approċċ ma jidhirx li huwa kuntrarju għall-għan li jiġi ggarantit livell għoli ta' protezzjoni tad-data personali, b'mod partikolari fid-dawl tar-rekwiżiti ta' identifikabbiltà imposti mid-dispożizzjonijiet applikabbli, minn naħa waħda, u fid-dawl tal-interpretazzjoni tagħhom mill-ġurisprudenza, min-naħa l-oħra.

54. L-ewwel nett, il-premessa 16 tar-Regolament 2018/1725 tirreferi għall-identifikabbiltà tal-persuna responsabbli għall-ipproċessar "jew minn kwalunkwe persuna oħra": dan il-kunċett wiesa', għalkemm mhux bla limitu [24], jaqa' f'approċċ li jipproteġi d-data personali.

55. Bl-istess mod, din il-premessa 16 tipprevedi li hemm lok li jiġu kkunsidrati l-mezzi li jistgħu raġonevolment jintużaw sabiex jidentifikaw, direttament jew indirettament, persuna fiżika billi jiġu kkunsidrati l-fatturi oġġettivi kollha, bħall-ispejjeż tal-identifikazzjoni u l-ammont ta' żmien

[21] Minkejja li ma għandhomx valur legali vinkolanti u ma jistgħux ikunu l-bażi ta' interpretazzjoni li tmur kontra l-għanijiet li għandhom jintlaħqu mir-Regolament 2018/1725, il-Qorti tal-Ġustizzja spiss ispirat ruħha minn premessi sabiex tinterpreta d-dispożizzjonijiet ta' att ġuridiku tal-Unjoni (ara, b'mod partikolari, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawża Planet49, C-673/17, EU:C:2019:246, punt 71, u tal-Avukata Ġenerali Kokott fil-kawża Il-Kummissjoni vs CK Telecoms UK Investments, C-376/20 P, EU:C:2022:817).

[22] Qabelxejn, fuq il-livell strettament tekniku, l-anonimizzazzjoni ma teskludix il-possibbiltajiet ta' identifikazzjoni mill-ġdid, u għalhekk il-persuni responsabbli għall-ipproċessar li jimplimentaw tekniki ta' anonimizzazzjoni għandhom janalizzaw b'mod regolari r-riskju involut ta' identifikazzjoni mill-ġdid billi jevalwaw il-gravità u l-probabbiltà ta' dan ir-riskju każ b'każ (ara, f'dan ir-rigward, Tambou O., *Manuel de droit européen de la protection des données à caractère personnel*, Bruylant, 2020, punt 68 u r-riferimenti ċċitati f'dan ir-rigward, b'mod partikolari fin-nota ta' qiegħ il-paġna Nru 162).

[23] Minkejja li l-intenzjoni inizjali tal-introduzzjoni tal-kunċett ta' psewdonimizzazzjoni fil-GDPR kienet li tingħata flessibbiltà sabiex jittaffew l-obbligi fil-qasam tal-protezzjoni tad-data (ara f'dan ir-rigward Kuner, C., Bygave, L. A., Docksey, C., "Background and Evolution of the EU General Data Protection Regulation (GDPR)", f'Kuner, C., Bygrave, L. A., Docksey, C., u Drechsler, L. (edizzjonijiet), *The EU General Data Protection Regulation (GDPR). A Commentary*, Oxford University Press, Oxford, 2020, p. 1 sa 47), din l-intenzjoni ma ġietx segwita mill-Kunsill fil-premessa 26 tar-GDPR, li r-redazzjoni tagħha ġiet irrepetuta fil-premessa 16 tar-Regolament 2018/1725.

[24] Kif indika l-Avukat Ġenerali Campos Sánchez-Bordona fil-punti 64 sa 67 tal-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Breyer (C-582/14, EU:C:2016:339), "[q]att ma jista' jiġi eskluż b'ċertezza assoluta, li ma jkunx hemm terz li jkollu data addizzjonali li tista' tiġi kkombinata ma' dik l-informazzjoni u, konsegwentement, li tista' tikxef l-identità ta' persuna. […] Nemmen, madankollu, li dan it-tħassib – li huwa leġittimu ħafna – ma jistax iwassal sabiex jiġu injorati t-termini tar-rieda tal-leġiżlatur u li l-interpretazzjoni sistematika tal-premessa [16 tar-Regolament 2018/1725] qed titnaqqas għall-'mezzi li raġonevolment aktax jintużaw' *minn ċerti terzi*".

meħtieġ għall-identifikazzjoni, filwaqt li jitqiesu t-teknoloġiji disponibbli fil-mument tal-ipproċessar u l-iżviluppi tagħhom, li tikkostitwixxi definizzjoni wiesgħa u li tipproteġi d-data personali.

56. It-tieni nett, l-interpretazzjoni mill-ġurisprudenza ta' dan il-kunċett ta' "identifikabbiltà", ibbażat fuq ir-riskju ta' identifikazzjoni mill-ġdid tas-suġġetti tad-data, tippermetti wkoll applikazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' "data personali". B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kklassifikat b'mod sistematiku bħala "data personali", id-data li, minkejja li sseparata mid-data ta' identifikazzjoni f'idejn xi ħadd ieħor, setgħet, fil-kuntest inkwistjoni, iġġib magħha riskju li s-suġġetti tad-data jiġu identifikati mill-ġdid [25].

57. Għalhekk, huwa biss jekk ir-riskju huwa ineżistenti jew insinjifikattiv [26] li data tista' legalment tevita li tiġi kklassifikata bħala "data personali".

58. L-argumenti tal-KEPD u tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data li jirrigwardaw il-perikoli li jirriżultaw minn interpretazzjoni ristretta wisq ta' data personali ma jikkonvinċunix. Fil-fatt, il-fatt li r-regoli li jirriżultaw mir-Regolament 2018/1725 ma japplikawx għad-data relatata ma' persuni mhux identifikabbli ma jipprekludix, jekk ikun il-każ, ir-responsabbiltà legali tal-entitajiet li jkunu fl-oriġini ta' aġir kundannabbli, pereżempju f'każ ta' żvelar ta' data li jirriżulta f'dannu. Min-naħa l-oħra, jidhirli sproporzjonat li jiġu imposti fuq entità, li ma tistax b'mod raġonevoli tidentifika s-suġġetti tad-data, obbligi li jirriżultaw mir-Regolament 2018/1725 [27], obbligi li din l-entità ma tistax, ipotetikament, tosserva jew li jobbligawha speċifikament li tipprova tidentifika s-suġġetti tad-data.

59. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, jekk tiġi analizzata t-tilwima fir-rigward tad-data kif ittrasferita lil Deloitte, jiena tal-opinjoni li, kuntrarjament għal dak li jsostni l-KEPD, għandu jiġi stabbilit jekk l-ipproċessar ta' psewdonimizzazzjoni tad-data inkwistjoni kienx b'saħħtu biżżejjed sabiex jiġi konkluż li l-persuni li ressqu l-ilmenti, awturi tal-informazzjoni mibgħuta lil Deloitte, ma kinux raġonevolment identifikabbli. Fi kliem ieħor, f'dan il-kuntest, jekk Deloitte kellha mezzi raġonevoli sabiex tidentifika lill-imsemmija persuni li ressqu l-ilmenti, dan jista' jitqies bħala pproċessar ta' data personali.

60. L-ewwel ilment imqajjem mill-KEPD għandu għalhekk, fl-opinjoni tiegħi, jiġi miċħud.

[25] Pereżempju, fis-sentenza Breyer, indirizz IP dinamiku f'idejn fornitur ta' servizzi ta' media online, minkejja li sseparat minn data ta' identifikazzjoni miżmuma mill-fornitur tal-aċċess għall-internet, huwa kklassifikat bħala "data personali", peress li l-fornitur ta' servizzi ta' media online kellu mezzi li jistgħu raġonevolment jiġu implimentati sabiex jiġi identifikat is-suġġett tad-data minn dan l-indirizz IP. Bl-istess mod, is-sentenza tad-9 ta' Novembru 2023, Gesamtverband Autoteile-Handel (Aċċess għall-informazzjoni dwar il-vetturi) (C-319/22, EU:C:2023:837), kienet tinvolvi l-VIN ta' vettura, iddefinit bħala l-kodiċi alfanumeriku mogħti lil vettura mill-manifattur sabiex tiġi żgurata l-identifikazzjoni xierqa ta' kull vettura. Għalkemm fih innifsu ma huwiex ta' natura personali, dan il-VIN jikseb din in-natura fir-rigward ta' kull min raġonevolment ikollu mezzi li jippermettu li jassoċjah ma' persuna speċifika (punt 46) u b'hekk jorbtu ma' persuna fiżika identifikata jew identifikabbli (punt 49). Bl-istess mod, stqarrija għall-istampa tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), li jkun fiha identifikaturi li jippermettu li tiġi identifikata r-rikorrenti, jew abbażi ta' sempliċi qari oġġettiv ta' din l-istqarrija, jew bl-għajnuna ta' mezzi "li raġonevolment x'aktarx ikunu jistgħu jintużaw" minn wieħed mill-qarrejja tagħha, tikkostitwixxi data personali (sentenza tas-7 ta' Marzu 2024, OC vs Il-Kummissjoni, C-479/22 P, EU:C:2024:215). Bl-istess mod, fis-sentenza tas-7 ta' Marzu 2024, IAB Europe (C-604/22, EU:C:2024:214), l-assoċjazzjoni IAB, li tirrappreżenta impriżi tas-settur tal-industrija tar-reklamar u tal-kummerċjalizzazzjoni diġitali, stabbilixxiet qafas għar-reġistrazzjoni tal-preferenzi tal-utenti ta' siti internet, ikkodifikati permezz ta' "TC String" (taħlita ta' ittri u ta' karattri). Din it-TC String ġiet meqjusa bħala data personali peress li, meta assoċjata ma' identifikatur, kienet tippermetti li jiġi identifikat l-utent tal-internet ikkonċernat, inkluż għal IAB, li ma kinitx iżżomm elementi ta' identifikazzjoni, iżda li setgħet b'mod indirett ikollha aċċess għalihom permezz ta' mezzi raġonevoli (punti 48 sa 50 tas-sentenza).

[26] Mill-punt 46 tas-sentenza Breyer jirriżulta dan ikun il-każ jekk l-identifikazzjoni tas-suġġett tad-data tkun ipprojbita mil-liġi jew ma setgħetx titwettaq fil-prattika, pereżempju minħabba l-fatt li timplika sforz enormi f'termini ta' ħin, ta' spejjeż u ta' riżorsi umani.

[27] Nistgħu nsemmu, pereżempju, l-obbligi li jirriżultaw mid-dritt ta' rettifika ta' data personali previst fl-Artikolu 18 tar-Regolament 2018/1725.

b) Fuq it-tieni ilment, ibbażat fuq l-iżball fil-paragun magħmul mas-sentenza Breyer

1) L-argumenti tal-partijiet

61. Skont il-KEPD, sostnut mill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, id-data psewdonimizzata inkwistjoni hija data personali għas-SRB u, għalhekk, l-obbligu ta' informazzjoni fir-rigward tas-suġġetti tad-data, li tirrigwarda ir-riċevitur, kien impost fuq is-SRB. Huwa jsostni, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat is-sentenza Breyer li kienet tirrigwarda sitwazzjoni fattwali differenti.

62. Skont is-SRB, sostnuta mill-Kummissjoni, mill-banda l-oħra, il-paragun mas-sentenza Breyer huwa rilevanti u jwassal sabiex jiġi deċiż li l-obbligu ta' informazzjoni japplika biss jekk id-data ttrasferita hija data personali mill-perspettiva tar-riċevitur, hawnhekk Deloitte, u dan, kif iddeċidiet b'mod korrett il-Qorti Ġenerali, ma ġiex ipprovat f'dan il-każ.

2) Evalwazzjoni

63. Jiena tal-opinjoni li, l-obbligu ta' informazzjoni, previst mill-Artikolu 15(1)(d) tar-Regolament 2018/1725, u l-paralleliżmu mas-sentenza Breyer iwasslu, f'dan il-każ, għal soluzzjoni differenti minn dik tal-Qorti Ġenerali, kif ser nuri fil-qafas tal-analiżi ta' dan l-ilment.

64. L-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament 2018/1725 jirrikjedi pproċessar ta' data b'mod legali, ġust u trasparenti fir-rigward tas-suġġett tad-data.

65. B'mod partikolari, l-Artikolu 15(1)(d) ta' dan ir-regolament jipprovdi li, meta data personali relatata ma' suġġett tad-data tinġabar mingħand dan is-suġġett, il-persuna responsabbli għall-ipproċessar għandha tinforma lis-suġġetti tad-data, "fil-ħin li tinkiseb id-data personali", bir-riċevituri eventwali ta' din id-data. B'hekk jidher li din l-informazzjoni għandha tingħata mill-persuna responsabbli għall-ipproċessar immedjatament, jiġifieri fil-mument tal-ġbir tad-data [28].

66. L-importanza tal-osservanza ta' tali obbligu ta' informazzjoni hija kkonfermata wkoll fil-premessa 35 tar-Regolament 2018/1725, li tistipula li l-prinċipju ta' pproċessar ġust u trasparenti jirrikjedi li s-suġġett tad-data jkun informat bl-eżistenza tal-attività tal-ipproċessar u l-finijiet tagħha, filwaqt li huwa enfasizzat li l-persuna responsabbli għall-ipproċessar għandha tipprovdi kwalunkwe informazzjoni ulterjuri li tkun meħtieġa biex jiġi żgurat ipproċessar ġust u trasparenti, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkustanzi speċifiċi u l-kuntest li fih tiġi pproċessata d-data personali [29].

[28] Ara, b'analoġija, is-sentenza tad-29 ta' Lulju 2019, Fashion ID (C-40/17, EU:C:2019:629, punt 104 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara, ukoll, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawża Association Mousse (C-394/23, EU:C:2024:610, punt 58).

[29] Ara, b'analoġija, is-sentenzi tal-1 ta' Ottubru 2015, Bara *et* (C-201/14, EU:C:2015:638, punt 34); tal-1 ta' Ottubru 2019, Planet49 (C-673/17, EU:C:2019:801, punt 77), u tal-11 ta' Lulju 2024, Meta Platforms Ireland (Azzjoni rappreżentattiva) (C-757/22, EU:C:2024:598, punt 57). Barra minn hekk, il-premessa 36 tar-Regolament 2018/1725 tispjega li "[m]eta d-data personali tkun tista' tiġi żvelata b'mod leġittimu lil riċevitur ieħor, jenħtieġ li s-suġġett tad-data jkun informat meta d-data personali tkun żvelata għall-ewwel darba lir-riċevitur". Fi kliem ieħor, jekk jidħol element ġdid, dan għandu jinġieb għal konoxxenza tas-suġġetti tad-data qabel dan l-"ipproċessar ulterjuri" (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tas-27 ta' April 2022, Roos *et* vs Il-Parlament, T-710/21, T-722/21 u T-723/21, EU:T:2022:262, punt 171).

67. Tali obbligu ta' informazzjoni huwa iktar u iktar importanti peress li l-validità tal-kunsens mogħti mis-suġġett tad-data tiddependi, fost l-oħrajn, minn jekk din il-persuna kinitx kisbet, minn qabel, l-informazzjoni li għaliha kellha dritt fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-ipproċessar tad-data inkwistjoni, skont l-Artikoli 14 u 15 tar-Regolament 2018/1725, u li tippermettilha tagħti kunsens b'għarfien sħiħ tal-kwistjoni [30].

68. Inżid li l-unika eċċezzjoni għal dan l-obbligu ta' informazzjoni, prevista fl-Artikolu 15(4) tar-Regolament 2018/1725, tirrigwarda l-ipoteżi li fiha s-suġġett tad-data diġà jkollu l-informazzjoni inkwistjoni.

69. F'dan il-każ, jiena niddeduċi li, dan l-obbligu ta' informazzjoni jaqa' fil-qafas tar-relazzjoni legali li teżisti bejn is-suġġetti tad-data, hawnhekk il-persuni li ressqu l-ilmenti, minn naħa waħda, u s-SRB bħala persuna responsabbli għall-ipproċessar, min-naħa l-oħra, u mhux fil-qafas tar-relazzjoni bejn is-SRB u r-riċevitur, jiġifieri Deloitte. L-obbligu ta' informazzjoni għandu għalhekk bħala suġġett id-data bħal dik miżmuma mis-SRB qabel it-trasferiment lil Deloitte. Issa, ma huwiex ikkontestat li din hija data personali, peress li s-SRB iżomm il-kummenti u l-bażi ta' identifikazzjoni tal-persuni li għamluhom.

70. Tali approċċ tal-"perspettiva rilevanti" [31] iwassalni għalhekk għal soluzzjoni differenti minn dik tal-Qorti Ġenerali, anki jekk isir il-paragun mas-sentenza Breyer.

71. Infakkar li, fil-kawża li minnha oriġinat it-talba għad-deċiżjoni preliminari magħmula f'din is-sentenza, P. Breyer ried jipprojbixxi lill-persuna responsabbli għall-ipproċessar (ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja) milli żżomm l-indirizz IP dinamiku tiegħu. L-informazzjoni addizzjonali li kienet tippermetti l-identifikazzjoni tiegħu permezz tal-indirizz IP marbut mal-kompjuter tiegħu ma kinitx f'idejn il-persuna responsabbli għall-ipproċessar, iżda f'idejn il-fornitur tal-aċċess għall-internet. Il-kwistjoni kienet għalhekk jekk l-indirizz IP dinamiku miżmum mill-persuna responsabbli għall-ipproċessar setax jiġi kklassifikat bħala "data personali" u, għaldaqstant, fil-qafas tar-relazzjoni legali bejn P. Breyer u l-imsemmija persuna responsabbli għall-ipproċessar, jiskattaw obbligi f'termini ta' żamma fuq dan tal-aħħar, minkejja li l-elementi ta' identifikazzjoni ta' P. Breyer kienu f'idejn persuna oħra u mhux f'idejn il-persuna responsabbli għall-ipproċessar. Essenzjalment, ġie deċiż li l-persuna responsabbli għall-ipproċessar, minkejja li ma kellhiex l-informazzjoni addizzjonali ta' identifikazzjoni, setgħet b'mod raġonevoli jkollha aċċess għaliha u l-indirizz IP dinamiku għalhekk ġie kklassifikat bħala "data personali".

72. F'dan il-każ, kif imfakkar preċedentement [32], l-obbligu ta' informazzjoni jaqa' fil-kuntest tar-relazzjoni bejn is-suġġetti tad-data (il-persuni li ressqu l-ilmenti) u l-persuna responsabbli għall-ipproċessar (is-SRB): huwa meta d-data inkwistjoni tinġabar mis-SRB u, f'dak li jirrigwarda b'mod partikolari l-informazzjoni dwar ir-riċevitur, mhux iktar tard minn meta jkun magħruf, li

[30] Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2024, Meta Platforms Ireland (Azzjoni rappreżentattiva) (C-757/22, EU:C:2024:598, punt 60) u l-punt 47 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Richard de la Tour fl-istess kawża (EU:C:2024:88). Ara wkoll l-Artikolu 14(1) tar-Regolament 2018/1725, li "[i]l-kontrollur għandu jieħu miżuri adatti biex jipprovdi kwalunkwe informazzjoni msemmija fl-Artikoli 15 u 16 […] relatata mal-ipproċessar lis-suġġett tad-data f'forma konċiża, trasparenti, intelliġibbli u faċilment aċċessibbli, bl-użu ta' lingwaġġ ċar u sempliċi."

[31] Għalkemm jista' jiġi kkonstatat li dan l-approċċ ma ġiex indirizzat b'dan il-mod, fis-sottomissjonijiet bil-miktub, nirrileva li, minbarra li ssemma waqt is-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, dan l-approċċ jaqa' fil-qafas ta' din it-tilwima peress li huwa intiż sabiex tiġi stabbilita l-perspettiva rilevanti fir-rigward tal-obbligu ta' informazzjoni inkwistjoni f'dan il-każ. F'dan il-kuntest, għalkemm għandha tingħata deċiżjoni biss fuq it-talbiet tal-partijiet, li huma responsabbli għad-delimitazzjoni tal-portata tat-tilwima, il-qorti ma tistax tkun marbuta biss mill-argumenti mqajma minnhom insostenn tat-talbiet tagħhom, għax altrimenti jkollha, jekk ikun il-każ, tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq kunsiderazzjonijiet ġuridiċi żbaljati (ara s-sentenza tal-21 ta' Settembru 2010, Suède *et* vs API u Il-Kummissjoni, C-514/07 P, C-528/07 P u C-532/07 P, EU:C:2010:541, punt 65 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[32] Ara l-punt 69 ta' dawn il-konklużjonijiet.

jidħol l-obbligu ta' informazzjoni. Meta jseħħ dan il-mument, id-data inkwistjoni hija data personali f'idejn is-SRB, li jżomm data addizzjonali ta' identifikazzjoni. Fid-dawl tal-obbligu ta' informazzjoni inkwistjoni u fid-dawl tal-mument li fih jidħol fis-seħħ, id-data inkwistjoni kienet tikkostitwixxi għalhekk data personali, irrispettivament minn jekk kinitx identifikabbli minn Deloitte, li ma hijiex involuta la fir-relazzjoni legali bejn il-persuni li ressqu l-ilmenti u s-SRB, l-unika waħda rilevanti, u lanqas b'dan l-obbligu ta' informazzjoni li jaqa' fuq is-SRB.

73. Huwa għalhekk li l-paralleliżmu mas-sentenza Breyer jidhirli li għandu jitqiegħed f'perspettiva f'dan il-każ.

74. Minn dan isegwi li l-obbligu ta' informazzjoni kien jaqa' fuq is-SRB bħala l-persuna responsabbli għall-ipproċessar u minħabba r-relazzjoni tiegħu mal-persuni li ressqu l-ilmenti, li mingħandhom huwa ġabar id-data inkwistjoni, u dan irrispettivament min-natura personali jew le tad-data kif ittrasferita f'idejn Deloitte.

75. L-argument tas-SRB, repetut waqt is-seduta, li l-perspettiva tar-riċevitur hija rilevanti għaliex għandu jiġi vverifikat jekk huwiex "riċevitur ta' data personali" jew le, għandu, f'din il-loġika, jiġi miċħud.

76. F'dan ir-rigward, huwa veru li t-test tal-Artikolu 15(1)(d) tar-Regolament 2018/1725 li jsemmi lir-"riċevituri […] tad-data personali", jista' jagħti lok għal konfużjoni. Madankollu, l-effett utili ta' din id-dispożizzjoni jimponi li l-informazzjoni tintbagħat lis-suġġetti tad-data kemm jista' jkun malajr u qabel l-imsemmi trasferiment ta' data [33]. F'dan il-każ, anki jekk is-SRB ma kellux, waqt il-ġbir inizjali tal-kummenti, l-intenzjoni li jitlob il-parir ta' Deloitte dwar jekk dawn il-kummenti kinux jibdlu l-valwazzjoni 3, mid-deċiżjoni kontenzjuża quddiem il-Qorti Ġenerali jirriżulta li Deloitte assistiet lis-SRB fil-qafas tal-proċedura tad-dritt għal smigħ [34]. Barra minn hekk, l-intenzjoni tas-SRB li jikkomunika d-data psewdonimizzata lil Deloitte tista' titqies bħala li eżistiet mhux wara l-mument li fih huwa ddeċieda li jipproċessa l-kummenti inkwistjoni sabiex speċifikament jippsewdonimizzahom [35], mingħajr ebda ġustifikazzjoni għall-psewdonimizzazzjoni.

77. Jiena għalhekk tal-opinjoni li l-fatt li tiġi kkontrollata l-osservanza tal-obbligu ta' informazzjoni fil-mument li fih id-data ġiet ittrasferita mis-SRB lil Deloitte, billi tiġi adottata l-perspettiva ta' riċevitur sabiex id-data inkwistjoni tiġi kklassifikata bħala personali jew le, iwassal sabiex dan il-kontroll jieħu iktar fit-tul. Dan il-kontroll ikun, b'konsegwenza, pospost b'mod żbaljat peress li jsir fuq id-data diġà mibgħuta lir-riċevitur, minkejja li s-suġġett tal-obbligu ta' informazzjoni jirrigwarda r-relazzjoni bejn is-SRB u l-persuni li ressqu l-ilmenti u huwa intiż sabiex jippermetti l-kunsens informat ta' dawn tal-aħħar qabel it-trasferiment.

78. Barra minn hekk, fir-rigward tal-kunsens tal-persuni li ressqu l-ilmenti, il-parteċipazzjoni tagħhom fil-proċedura ta' dritt għal smigħ tista' ċertament tiġi interpretata bħala kunsens impliċitu li tinqasam data personali mal-persuna responsabbli għall-ipproċessar sabiex il-kummenti tagħhom jittieħdu inkunsiderazzjoni. Madankollu, fl-opinjoni tiegħi, dan ma jistax

[33] Dwar in-natura tal-informazzjoni minn qabel sabiex tippermetti kunsens informat, ara s-sentenza tal-11 ta' Lulju 2024, Meta Platforms Ireland (Azzjoni rappreżentattiva) (C-757/22, EU:C:2024:598, punt 60).

[34] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 7 li tinsab fil-punt 12 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[35] Ara l-punti 13 *et seq.* tas-sentenza appellata. Ara wkoll it-tweġibiet tas-SRB għall-mistoqsijiet matul is-seduta.

ikun biżżejjed sabiex jikkostitwixxi kunsens informat fid-dawl tal-psewdonimizzazzjoni tad-data u tat-trasferiment tagħha lil Deloitte mingħajr informazzjoni minn qabel f'dan ir-rigward min-naħa tas-SRB [36].

79. Minn dan jirriżulta li, fl-opinjoni tiegħi, l-obbligu ta' informazzjoni fuq is-SRB kien japplika f'dan il-każ qabel it-trasferiment tad-data inkwistjoni u irrispettivament min-natura personali jew le tad-data f'idejn Deloitte.

80. Għalhekk, il-fatt li l-psewdonimizzazzjoni jkunx b'saħħtu u effikaċi biżżejjed jew le, b'tali mod li jista' jitqies li d-data f'idejn Deloitte tikkostitwixxi data personali jew le, ma jidhirlix li finalment huwa *effettiv* fir-rigward tal-obbligu ta' informazzjoni fuq is-SRB.

81. Konsegwentament, l-obbligu ta' informazzjoni li jaqa' fuq is-SRB bħala persuna responsabbli għall-ipproċessar għandu jiġi osservat f'dan il-każ u s-sentenza appellata għandha, għal din ir-raġuni, tiġi annullata minħabba żball ta' liġi.

82. Peress li l-perspettiva tar-riċevitur tad-data inkwistjoni ma hijiex rilevanti fir-rigward tal-obbligu ta' informazzjoni previst mill-Artikolu 15(1)(d) tar-Regolament 2018/1725, l-argumenti tal-partijiet li jirrigwardaw il-possibbiltà għal Deloitte li tidentifika, permezz ta' mezzi legali u konkreti fil-prattika, is-suġġetti tal-kawża, jirriżultaw li huma ineffettivi u għalhekk ma hemmx lok li jiġu eżaminati.

83. Minkejja li l-Qorti tal-Ġustizzja ma kinitx ta' din l-opinjoni, nirrileva b'mod sussidjarju li l-KEPD jikkontesta, f'dan ir-rigward, il-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali li Deloitte ma għandhiex aċċess għad-data ta' identifikazzjoni. Huwa jibbaża ruħha b'mod partikolari fuq ir-relazzjoni kuntrattwali ta' subappalt li teżisti bejn is-SRB u Deloitte. Is-SRB u l-Kummissjoni jsostnu li, b'dan il-mod, il-KEPD iqajjem allegazzjonijiet fattwali ġodda li huma inammissibbli fl-istadju tal-appell. Din hija l-opinjoni tiegħi. Fil-fatt, l-eżistenza ta' relazzjoni kuntrattwali bejn is-SRB u Deloitte, li turi l-possibbiltà għal Deloitte li titlob lis-SRB l-identifikazzjoni tal-persuni li ressqu l-ilmenti, tikkostitwixxi argument ġdid, li fuqu l-Qorti Ġenerali, barra minn hekk, qatt ma ddeċidiet. Minn dan isegwi li dan l-argument għandu, jekk ikun il-każ, jiġi miċħud bħala inammissibbli skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 170(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja li l-appell ma jistax ibiddel is-suġġett tat-tilwima quddiem il-Qorti Ġenerali [37].

[36] Dwar in-natura konċiża, trasparenti, intelliġibbli u faċilment aċċessibbli, u l-formulazzjoni bl-użu ta' lingwaġġ ċar u sempliċi, ara l-Artikolu 14(1) tar-Regolament 2018/1725. Ara wkoll il-grupp ta' xogħol "Artikolu 29" Linji Gwida dwar it-trasparenza fis-sens tar-Regolament (UE) 2016/679 11 ta' April 2018, WP 260, rev. 01, punt 30: "Jekk il-bidla tal-informazzjoni tibdel fundamentalment in-natura tal-ipproċessar (pereżempju, it-twessigħ tal-kategoriji ta' riċevituri jew l-introduzzjoni ta' trasferimenti lejn pajjiż terz) jew hija bidla li tista' ma tkunx fundamentali għall-operazzjoni ta' pproċessar, iżda li tista' tkun fundamentali għas-suġġett tad-data u jkollha effett fuq dan tal-aħħar, l-informazzjoni għandha tingħata lis-suġġett tad-data ħafna qabel ma sseħħ il-bidla u l-metodu użat sabiex is-suġġett tad-data jiġi informat għandu jkun espliċitu u effikaċi. L-għan huwa li jiġi żgurat li s-suġġett tad-data ma 'jitlifx' il-bidla u jingħata perijodu ta' żmien raġonevoli sabiex ikun jista' a) jevalwa n-natura u l-effett tal-bidla, u b) jeżerċita d-drittijiet tiegħu skont il-GDPR b'rabta mal-bidla (pereżempju, jirtira l-kunsens tiegħu jew jopponi l-ipproċessar)." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

[37] Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tad-29 ta' Frar 2024, Euranimi vs Il-Kummissjoni (C-95/23 P, mhux ippubblikata, EU:C:2024:177, punt 53).

B. Fuq it-tieni aggravju, eżaminat sussidjarjament

84. Permezz tat-tieni aggravju tiegħu, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' responsabbiltà stabbilit fl-Artikolu 4(2) u fl-Artikolu 26(1) tar-Regolament 2018/1725, il-KEPD, sostnut mill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, isostni li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet b'mod żbaljat li huwa kellu juri li l-informazzjoni mibgħuta lil Deloitte kienet tikkostitwixxi data personali, bi ksur tal-prinċipju ta' responsabbiltà tas-SRB.

85. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti u b'mod partikolari tal-punti 81 u 82 hawn fuq, inqis li ma hemmx lok li jiġi eżaminat dan it-tieni aggravju.

86. Għalhekk ser insemmih biss fil-qosor, sussidjarjament.

87. Fuq l-ammissibbiltà, ikkontestata mis-SRB, ta' dan l-aggravju mhux imqajjem quddiem il-Qorti Ġenerali, infakkar li rikorrent jista' jippreżenta appell billi jinvoka aggravji li jirriżultaw mis-sentenza appellata nnifisha u li jkunu intiżi li jikkritikaw, fid-dritt, il-fondatezza tagħha [38]. Jidhirli li dan huwa l-każ ta' dan l-aggravju, li għalhekk huwa ammissibbli.

88. Dwar il-mertu, għandu jitfakkar li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, fin-nuqqas li l-KEPD li jsaqsi jekk Deloitte kellhiex mezzi legali u konkreti fil-prattika li jippermettulha li jkollha aċċess għall-informazzjoni addizzjonali neċessarja għall-identifikazzjoni mill-ġdid tal-persuni li ressqu l-ilmenti, il-KEPD seta' jikkonkludi biss li l-informazzjoni mibgħuta lil Deloitte kienet tikkostitwixxi informazzjoni li tirrelata ma' "persuna fiżika identifikabbli" fis-sens tal-punt 1 tal-Artikolu 3 tar-Regolament 2018/1725.

89. Il-KEPD, sostnut mill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, isostni, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali kellha tivverifika jekk is-SRB, responsabbli għall-ipproċessar, kienx ipprova li huwa kien anonimizza d-data kontenzjuża fir-rigward ta' Deloitte.

90. Is-SRB jikkontesta dan l-argument billi jsostni li l-prinċipju ta' responsabbiltà japplika biss fil-preżenza ta' data personali u li, f'dan il-każ, id-data f'idejn Deloitte kienet ġiet anonimizzata.

91. Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni, issostni, fl-ewwel lok, li l-KEPD għandu oneru tal-prova raġonevoli sabiex jipprova, abbażi ta' provi disponibbli, l-eżistenza ta' data personali. Fit-tieni lok, hija l-persuna responsabbli għall-ipproċessar li għandha tikkonfuta din il-konklużjoni billi tippreżenta elementi addizzjonali.

92. Infakkar li, skont l-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament 2018/1725, id-data personali għandha tiġi pproċessata legalment, ġustament u b'mod trasparenti fid-dawl tas-suġġett tad-data. L-Artikolu 4(2) ta' dan ir-regolament jistipula li "[i]l-kontrollur għandu jkun responsabbli għall-konformità mal-paragrafu 1 u jkun kapaċi juriha". Għalhekk mill-prinċipju ta' responsabbiltà, stipulat fl-Artikolu 4(2) u spjegat fl-Artikolu 26(1) tal-imsemmi regolament jirriżulta li l-persuna responsabbli għall-ipproċessar għandha tkun f'pożizzjoni li turi li tosserva l-prinċipji relatati mal-ipproċessar tad-data personali stipulati fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 4 [39].

[38] Ara s-sentenza tal-25 ta' Jannar 2022, Il-Kummissjoni vs European Food *et* (C-638/19 P, EU:C:2022:50, punt 77, u l-ġurisprudenza ċċitata).

[39] Ara b'mod partikolari, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Mejju 2023, Bundesrepublik Deutschland (Indirizz tal-posta elettronika ta' qorti) (C-60/22, EU:C:2023:373, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll, fuq l-oneru tal-prova tal-kunsens għall-ipproċessar tad-data fuq il-persuna responsabbli għall-imsemmi pproċessar, is-sentenza tal-11 ta' Novembru 2020, Orange Romania (C-61/19, EU:C:2020:901, punt 52).

93. Sa fejn il-persuna responsabbli għall-ipproċessar tipproduċi provi suffiċjenti f'dan is-sens, tista' titqies bħala li ssodisfat l-oneru tal-prova li għandha [40].

94. F'dan il-każ, jidhirli li s-SRB invoka diversi elementi fattwali (b'mod partikolari l-proċessi ta' filtrazzjoni, ta' kategorizzazzjoni, ta' aggregazzjoni ta' kummenti, deskritti fid-deċiżjoni kontenzjuża u fis-sentenza appellata) sabiex jipprova, konformement mal-prinċipju ta' responsabbiltà li huwa għandu, li l-identifikazzjoni minn Deloitte tas-suġġetti tad-data kienet impossibbli.

95. Quddiem il-Qorti Ġenerali, il-KEPD oppona, f'dan ir-rigward, pożizzjoni ta' prinċipju li tikkonsisti f'li tittieħed il-perspettiva tas-SRB u mhux ta' Deloitte u, b'hekk, li jiġu kklassifikati bħala "data personali" l-kummenti mibgħuta lil Deloitte.

96. Jekk jiġi aċċettat, għall-finijiet tal-eżami sussidjarju ta' dan l-aggravju, li l-perspettiva ta' Deloitte kienet rilevanti f'dan il-każ [41], jista' jitqies, kif iddeċidiet il-Qorti Ġenerali, li kien il-KEPD li kellu juri [42] għal liema raġuni, legali jew teknika, il-proċess ta' psewdonimizzazzjoni implimentat mis-SRB f'dan il-każ ma kienx suffiċjenti u kellu jwassal sabiex jiġi kkunsidrat li Deloitte pproċessat data personali.

97. Għalhekk jiena tal-opinjoni li, f'dan il-każ, hemm lok li s-sentenza appellata tiġi kkonfermata fir-rigward ta' dan it-tieni aggravju.

VII. Fuq ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali

98. Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, meta l-appell huwa fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Hija għalhekk tista' jew tiddeċiedi definittivament il-kawża hija stess, meta din tkun fi stat li tiġi deċiża, jew tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali biex din tiddeċidiha.

99. L-ewwel motiv imqajjem mis-SRB kontra d-deċiżjoni kontenzjuża quddiem il-Qorti Ġenerali huwa bbażat fuq ksur tal-punt 1 tal-Artikolu 3 tar-Regolament 2018/1725. Mill-punti 63 sa 82 ta' dawn il-konklużjonijiet jirriżulta li, peress li s-SRB naqas milli jwettaq l-obbligu ta' informazzjoni tiegħu taħt l-Artikolu 15(1)(d) tar-Regolament 2018/1725, id-deċiżjoni kontenzjuża għandha, fl-opinjoni tiegħi, tiġi kkonfermata.

100. Min-naħa l-oħra, it-tieni motiv, ibbażat fuq il-ksur mill-KEPD tad-dritt għal amministrazzjoni tajba fil-qafas tal-proċedura li wasslet għall-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża, ma jidhirlix li huwa fi stat li jiġi deċiż.

[40] Ara, b'analoġija, fil-qafas ta' azzjoni għal kumpens ibbażata fuq ir-GDPR, is-sentenza tal-25 ta' Jannar 2024, MediaMarktSaturn (C-687/21, EU:C:2024:72, punti 43 sa 45): il-persuna responsabbli għall-ipproċessar inkwistjoni għandha l-oneru li tipprova n-natura xierqa tal-miżuri ta' sigurtà li hija implimentat u l-qorti adita għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-provi kollha li l-persuna responsabbli għall-ipproċessar ipprovdiet sabiex turi n-natura xierqa tal-miżuri tekniċi u organizzattivi li hija adottat sabiex tikkonforma ruħha mal-obbligi tagħha. Iżda l-fatt li xi impjegati tal-persuna responsabbli għall-ipproċessar bagħtu bi żball lil terz mhux awtorizzat dokument li kien fih data personali ma huwiex suffiċjenti, waħdu, sabiex jitqies li l-miżuri tekniċi u organizzattivi implimentati mill-persuna responsabbli għall-ipproċessar inkwistjoni ma kinux "xierqa".

[41] Ara l-punti 59 u 60 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[42] Ara, f'dan ir-rigward, il-paragun magħmul mill-Kummissjoni mad-dritt tal-għajnuna mill-Istat fis-sentenza tat-12 ta' Ottubru 2023, Larko vs Il-Kummissjoni (C-445/22 P, mhux ippubblikata, EU:C:2023:773, punt 29); bl-istess mod li l-klassifikazzjoni ta' miżura partikolari bħala għajnuna mill-Istat hija rekwiżit minn qabel sabiex din il-miżura taqa' fil-kompetenza tal-Kummissjoni sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 TFUE, hawnhekk il-klassifikazzjoni ta' "data personali" hija l-kundizzjoni minn qabel sabiex japplika r-Regolament 2018/1725 u sabiex il-KEPD ikollu kompetenza (ara l-Artikolu 52(3) ta' dan ir-regolament.

101. Fil-fatt, is-SRB isostni b'mod partikolari li, fil-qafas tal-proċedura amministrattiva qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-KEPD kiser id-dritt tiegħu ta' aċċess għal fajl, id-dritt għal smigħ tiegħu, u l-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet, billi ġie rrifjutat lilu l-aċċess għall-fajl, minn naħa waħda, u billi ma ġewx ikkomunikati lilu l-osservazzjonijiet tal-persuni li ressqu l-ilmenti jew il-kontenut tagħhom, min-naħa l-oħra.

102. Issa, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li, peress li l-ewwel motiv tar-rikors ġie milqugħ, ma kienx hemm lok sabiex jiġi eżaminat it-tieni motiv imqajjem quddiemha. Konsegwentament, dan il-motiv, li jinvolvi b'mod partikolari evalwazzjonijiet fattwali, ma huwiex fi stat li jiġi deċiż. Għalhekk jidhirli li l-kawża għandha tintbagħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex hija tiddeċiedi f'dan ir-rigward, u l-ispejjeż jibqgħu rriżervati.

VIII. Konklużjoni

103. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi bil-mod segwenti:

– tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-26 ta' April 2023, SRB vs KEPD (T-557/20, EU:T:2023:219);

– tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tiddeċiedi fuq it-tieni motiv imqajjem quddiemha;

– tirriżerva l-ispejjeż.